VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,441, 16 ta' Ġunju, 2015
Taqsima B

A.L. 197 tal-2015

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema mir-Riskji Relatati ma' l-Espożizzjoni għall-*Carcinogens* jew *Mutagens* fuq il-Post tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema mir-Riskji Relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens* jew *Mutagens* fuq il-Post tax-Xogħol, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema mir-Riskji Relatati ma' l-Espożizzjoni għall-*Carcinogens* jew *Mutagens* fuq il-Post tax-Xogħol, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 424.22

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' l-espożizzjoni għal-karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "*carcinogen*" għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a)sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu tal-kategorija 1A jew 1B stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;"; u

(ii) il-paragrafu (b) tagħha għandu jiġi mħassar;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) it-tifsira "*mutagen*" għandha tiġi emednata kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a)sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala mutaġen għaċ-ċelloli ġerminali tal-kategorija 1A jew 1B stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;"; u

(ii) il-paragrafu (b) tagħha għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kelma "preparat" għandha tidħol il-kelma "taħlita".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kelma "preparat" għandha tidħol il-kelma "taħlita".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fil-paragrafu (b) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kelma "preparazzjonijiet" għandha tidħol il-kelma "taħlitiet".

Jemenda l-intestatura tal-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. Fl-intestatura tal-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali minflok il-kelma "preparazzjonijiet" għandha tidħol il-kelma "taħlitiet".